ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 2**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

2A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: L-Assembly b'differenza

L-atmosfera fl-iskola tal-kulleġġ ta' San Efrem kienet differenti wisq mis-soltu. L-arja kienet tinħass tqila u minkejja li n-numru ta' studenti preżenti fl-entratura kien wieħed kbir, l-imħuħ kienu qed jaħsbu l-istess.

L-istudenti sammru ħarsithom fuq is-surmast. B'leħen ċar u meqjus stqarr: "Il-mewt tifred imma l-mewt tgħaqqad ukoll. Darba biss tiġi fuqna u meta ma nkunux nafu." Kulħadd skanta hekk kif is-surmast waqaf ħesrem, ħareġ maktur mill-but u mesaħ żewġ demgħat li ġelbnu fuq wiċċu.

"Kif, mela s-surmast jaf jibki!?" ikkummenta Willie. Ħadd ma ta kasu. Fil-bitħa kien hemm student inqas milli kien hemm il-ġimgħa ta' qabel. Ħafna kienu diġà jafu u diġà ħassew in-nuqqas tiegħu. Id-dehra fuq wiċċ l-istudenti u l-għalliema, speċjalment fuq wiċċ dawk li kienu għadhom kemm kellmuh tlitt ijiem qabel, kienet evidenti.

"Qatt xi ħadd sema' kelma ħażina minn fommu? Qatt kellu xi jgħid ma' xi ħadd? Mhux dejjem rajnieha dik it-tbissima li kienet tiġbed lil kulħadd lejh? Wieġbu f'qalbkom," u s-surmast ħalla pawsa anke biex jerġa' jimsaħ id-dmugħ. "Issa min se jeħodlu postu? Min hu dak li lest jimita l-eżempju t-tajjeb tiegħu u jagħmel ġieħ lilu nnifsu u lill-iskola? Ejjew nagħmlu minuta silenzju u nitolbu għalih."

"Issa ntemmu din l-assembly bil-kant tal-Innu Malti." L-Innu Malti qatt ma tkanta daqshekk bil-qalb u b'ton wieħed. Donnhom l-istudenti riedu jonoraw lil seħibhom billi jonoraw lil pajjiżhom.

(silta addattata minn *L-AĦĦAR MAJNATA* ta' Bertram Portelli, 2016)

2B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota kelma b'kelma mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, x'inhi l-impressjoni tiegħek fuq it-titlu tat-test: L-Assembly b'differenza?

2. Minn dak li qrajt, xi tgħidli dwar id-diskors tas-surmast u x'effett taħseb li ħalla fuq l-istudenti?

3. Liema tħoss li hu l-karattru prinċipali tas-silta, is-surmast jew l-istudent nieqes?

4. X'messaġġ ried iwassal l-awtur lill-qarrej ta' din is-silta?

5. X'tikkummenta dwar l-attitudni tal-istudenti meta tkanta l-Innu Malti?

2Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

L-Iskola: minjiera ta' tagħlim għall-ħajja

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.